Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011 Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
www.mgarrlc.com

# Seduta numru 23 tas-7 Leġislatura
# Illum l-Erbgħa, 18 ta' Frar 2015

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta’ l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 23 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr nhar l-Erbgħa 18 ta' Frar 2015, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Estimi Finanzjarji ghas-sena 2015
5. Evalwazzjoni tas-sejħiet tal-offerti riċenti
6. Hruġ ta' sejħiet għall-offerti ġodda
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli. Kienet preżenti wkoll l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ il-ġdida, is-Sinjorina Sarah Chetcuti.

il-Kunsillier Elizabeth Ebejer kienet skużata.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

## 1 Minuti

*Punti mill-Minuti*

*dwar Punt 2.5 :* is-Sindku ta dettalji dwar il-laqgħa li hu u d-Deputat Sindku kellhom dwar l-iskema tal-proġetti kapitali fejn ġie propost li ssir mixtla tal-pjanti. Ġie propost li l-anzjani li jattendu iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum jagħtu l-għajnuna tagħhom f' dan il-proġett.

*dwar Ġieħ l-Imġarr :* Is-Sindku informa li kien hemm rispons tajjeb għall-attivita' u l-programm kien varjat u mexxej. Minħabba il-kesħa sar kollox ġewwa. In-nomina intlaqat tajjeb ħafna. Is-Sindku wera' apprezzament għal-kooperazzjoni mill-iskola u t-tmexxija tagħha. Ittieħdet nota ukoll li min jiġi mistieden minn fost dawk li diġa' ħadu il-Ġieħ/Rikonnoximent, jiġu mistiedna bir-raġel/mara/partner.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

**2 Korrispondenza**

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

**3. Komunikazzjonijiet**

3.1 Tressqet riżoluzzjoni li fiha ġie deċiż li l-'ownership' tal-vann Fiat Scudo akkwistat mill-Kunsill matul l-aħħar jiem ma jibqax fuq titolu ta' Paul Vella imma jiġi fuq 'Paul Vella on behalf of Mġarr Local Council'. Il-Kunsill approva unanimament.

3.2 Is-Sindku informa li il-Professur David Trump esprima ix-xewqa li jerġa jiġi ippubblikat il-ktieb tar-riċerka tiegħu dwar is-sejbiet fit-tempji preistoriċi tal-Imġarr - publikazzjoni li kienet saret fis-snin 50. Dan qed jiġi propost li jsir permess tal-involviment tal-fotografu Daniel Cilia. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li dan ikun ta' importanza fil-preżervanza tal-wirt storiku u arkittettonika tal-lokalita' u tan-nazzjon u se jkun qed jseplora kif jista' jwettaq dan il-proġett.

3.3 Is-Sindku informa li kienu ittranġaw xi mwejjed għall-uffiċċju u l-bini tal-Kunsill.

3.4 Is-sindku informa li kien irċieva proposti ta' immanniġjar tat-traffiku mingħand il-konsulent Hugh Arnett sabiex Triq Ganfra, Triq il-Vanilja, Triq il-Ħarruba u Triq il-Ġulepp jiġu 'One Way'. il-Kunsill sere ikun qed jara u jistudja din il-proposta.

**4. Estimi Finanzjarji ghas-sena 2015**

4.1 Il-Kunsill ġie ippreżentat bl-Estimi Finanzjari tal-2014 u il-pjan ta' ħidma tal-2015. Għall-dan il-għan, attenda wkoll l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea, li offra spjega dettaljata tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill kif ukoll wieġeb għad-diversi mistoqsijiet li kien hemm mill-Kunsill.

4.2 Wara dan l-analiżi, il-Kunsill qabel u approva unanimament dawn l-estimi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Dawn l-Estimi Finanzjarji jittieħdu lill-Uffiċċju tal-Verifika, lill-Awdituri appuntanti għall-din is-sena (PKF Malta) kif ukoll lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

**5. Evalwazzjoni tas-sejħiet tal-offerti riċenti**

5.1 Il-Kunsill analizza l-offerti li rċieva wara is-sejħa għall-offerti li għaddiet. Dawn huma id-deċisjonijiet tal-Kunsill għall-kull sejħa:

5.2 *MGR 2014/07 - Forniment ta' Konkos*
Il-Kunsill innota li kien irċieva offerta waħda għal din is-sejħa, jiġifieri dik ta' *Ballut Blocks Ltd.* Din l-offerta tressqet għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni li kkonferma li l-offerta hija skond it-talba u l-prezz huwa skond is-suq. Għalhekk il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din l-offerta ta' Ballut Blocks Ltd.

5.3 *MGR 2014/08 - Servizz ta' Sinjali ta' Traffiku u ta' Marki fit-Toroq*
Il-Kunsill irċieva 2 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand *Koptasin u B. Grima & Sons Ltd.* Dawn l-offert tressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Fis-seduta tressaq ir-rapport li wera' li l-offerta ta' Koptasin kienet l-aktar waħda vantaġġjuża. Għalhekk, il-Kunsill approva unanimament li jaċċetta l-offerta ta' Koptasin.

5.4 *MGR 2014/10 - Servizz ta' Tindif fit-Toroq*
Il-Kunsill irċieva 8 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand *Saviour Mifsud, Chris Gatt, Owen Borg, Antoine Fenech, Waste Collection Limited, SRF & Veladrians, Christian Galea, u Euroclean Waste Service.* Dawn l-offerti għadhom għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni.

5.5 *MGR 2014/11 - Servizz ta' Ġbir ta' Skart*
Il-Kunsill innota li rċieva 8 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand *Chris Gatt, SRF & Veladrians, Euroclean Waste Collection, Alistair Bezzina, Saviour Mizzi, Waste Collection Limited, Antoine Fenech u CA Refuse .* Dawn l-offerti tressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Ta' min isemmi li din is-sejħa ser tiġi evalwata bil-proċess tal-M.E.A.T. (Most Economically Advantageous Tendering).

5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-evalwazzjoni li wettaq il-Bord bil-proċess kemm tal-M.E.A.T kif ukoll bħala 'Technical Compliant Most Advantageous' u miż-żewġ analiżi irriżulta li kien l-aħjar offerta kienet ta' Waste Collection Limited. Għaldaqstant, il-Kunsill iddiskuta din l-analizi tal-Bord u eventwalment approva unanimament li jilqa' l-offerta ta' Waste Collection Limited għall-dan is-servizz.

5.7 *MGR 2014/12 - Forniment ta' 'Rigid-Fencing' għall-żewġ proġetti*
Il-Kunsill innota li irċieva offerta waħda għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand *Intersteel Fence Ltd.* Din l-offerta ser tressqet għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u fis-seduta tressaq ir-rapport tal-Aġġudikazzjoni li ssuġġerrixxa li l-Kunsill jilqa' din l-offerta. Il-Kunsill approva unanimament din ir-rakkomondazzjoni.

5.8 *MGR 2014/13 - Forniment ta' Railing għall-proġett ta' Wesgħat il-Ġublew*
Il-Kunsill innota li irċieva 4 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand *Andrew Vassallo General Trading, E&L Enterprises Ltd. ,Edwin Ciantar u Intersteel Fence Ltd.* Dawn l-offerti tressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Waqt is-seduta, tressaq ir-rapport tal-aġġudikazzjoni li rrakkomanda li il-Kunsill jilqa' l-offerta ta' Andrew Vassallo General Trading peress li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża u skond dak li talab il-Kunsill. il-Kunsill approva unanimament.

5.9 *MGR 2014/14 - Forniment ta' Għamara tat-Triq għall-Wesgħat il-Ġublew*
Il-Kunsill innota li irċieva 2 offerti għal din is-sejħa, jiġifieri mingħand *Anton Zarb u Micamed Limited.* Dawn l-offerti tressqu għall-evalwazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni. Waqt is-seduta ġie mressaq ir-rapport tal-aġġudikazzjoni li rrakkomonda li jittieħdu il-bankiet skond l-offerta ta' Anton Zarb u id-dwal ta' Mica Med. Dan minħabba l-ispecifications li kienu ġew mitluba fis-sejħa għall-offerti u peress li dawn kienu l-aktar offerti vantaġġjużi. Il-Kunsill qabel unanimament u approva.

## 6. Hruġ ta' sejħiet għall-offerti ġodda

6.1 Bi' tkomplija mas-seduta ta' qabel, il-Kunsill approva li tinħareġ sejħa għall-offerti li tkopri :

- is-servizz ta' tindif u żamma tal-latrini;
- servizzi tal-Handymen;
- dekorazzjonijiet tal-Milied;
- Ipprintjar ta' brochures relatati mal-proġett tal-Miżura 313.

# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Clayton Gauci talab li tintbgħat korrispondenza lill-Waterservices Corportation dwar l-istat ħażin li tħalliet Triq il-Haddedin wara li sar xogħol fiha mill-istess korporazzjoni fis-sajf li għadda. Is-Segretarju Eżekuttiv ser ikun qed jikkuntattja lill-WSC dwar dan.

7.2 Clayton Gauci staqsa jekk kienx hemm xi żvilluppi dwar il-ġnien tal-housing estate. Is-sindku wieġeb li kien qed jittella' ċint ta' 4 filat mad-dawra tiegħu bħala protezzjoni.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-20:25pm  u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 18 ta' Marzu 2015, fil-5:30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku